MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Avviz Numru. 5/2008

**Angelo Mifsud**
**vs**
**Kazin tal-Banda Santa Marija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Angelo Mifsud fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sebgha ta' Frar 2008, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-Kazin tal-Banda Santa Marija tal-Mosta jhallsuh s-somma ta' hamest elef mija u tlieta u tmenin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€5,183.78) bhala hlas ghad-danni kkawzati minn hruq tad-dwieli fl-ghalqa tieghu f'taz-Zokrija, limiti tal-Mosta, nhar id-disgha (9) t'Awissu, 2007 meta sparaw il-murtali biswitha, flimkien mal-interessi legali minn dik id-data, u kif ukoll spejjez ohrajn inkorsi mill-attur a kawza ta' tali danni.

Rat ir-risposta tal-Perit Chris Grech, Eric Frendo u Raymond Bonavia fil-kapacita' rispettiva taghhom ta'

President, Segretarju u Tezorier tal-Kazin tal-Banda Santa Marija moghnija bir-rapprezentanza gudizzjarja ta' l-istess, ipprezentata nhar il-wiehed u ghoxrin (21) t'April, 2008 fejn eccepew is-segwenti:

*1. "Preliminarjament in-nullita' tal-azzjoni attrici stante li l-istess ma gietx promossa permezz ta' rikors hekk kif mehtieg ad validitatem mill-Artikolu 125 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija wkoll nulla stante l-Kazin tal-Banda Santa Marija, li bhala semplici ghaqda minghajr personalita' guridika distinta, ma setax jigi citat direttament izda kellu se mai jigi citat tramite r-rapprezentanti gudizzjarji tieghu, senjatament il-President, is-Segretarju u t-Tezorier hawn fuq indikati;*

*3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti nomine m'humiex responsabbli ghad-danni allegati mill-attur;*

*4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess il-quantum tad-danni allegati mill-attur huwa kontestat;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur mhux intitolat jitlob l-imghaxijiet legali mid-data tal-allegat incident stante li f'kaz ta' obbligazzjonijiet ta' natura civili l-imghaxijiet legali ma jibdewx jiddekorru awtomatikament.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*
*Bl-ispejjez."*

Rat illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu, 2008 l-attur **Angelo Mifsud** kien ipprezenta affidavit tieghu stess (a fol. 7 et seq.) fejn qal li huwa sid tal-ghalqa f'taz-Zokrija kif immarkata fis-site-plan esebit fl-atti tal-process. Qal li fiz-zmien tal-festa f'din l-ghalqa kellu d-dwieli mhawlin, u li dawn inharqu peress li fl-ghalqa ta' biswit tieghu gew sparati l-murtali. Qal li b'dan il-hruq, li sar nhar id-disgha t'Awissu, hu sofra danni fl-ammont ta' elfejn mitejn u erbgha u ghoxrin Lira u tmenin centezmu (Lm2,224.80).

Sostna li dakinhar n-nar kien nharaq mill-Kazin tal-Banda ta' Santa Marija, ta' 35, Triq il-Kungress Ewkaristiku, fl-okkazzjoni tal-festa ta' Santa Marija, u dan jafu ghaliex ibnu Kalcidon kien kellem lil tal-Kazin, u sahansitra certu Chetcuti kien ammetta mieghu li hekk kien. Ghaldaqstant, zied, li kien qed izomm lil Kazin responsabbli ghall-hsarat li garrab.

Sussegwentement kien qabbad lill-Avukat Von Schembri li kiteb lil Eric Frendo bhala Segretarju tal-Kazin tal-Banda, pero' ma rcieva l-ebda twegiba, la minghandu u lanqas minghand xi membru iehor ta' l-istess Kazin. Rega' semma lil certu Louis Chetcuti, u qal li dan hu x-xhud li ammetta mieghu fil-prezenza ta' ibnu Kalcidon u persuna ohra maghrufa bhala Magri li l-Kazin tal-Banda Santa Marija kien responsabbli ghal dak li gara.

Spjega li ibnu kien staqsa lill-membri tat-tifi tan-nar, jekk tal-Kazin l-iehor, kienux harqu n-nar taghhom, biex b'hekk ma jkollhomx ghalfejn joqoghdu fuq ix-xhieda ta' Chetcuti biss. Sussegwentement kienu wkoll ghamlu rapport ghand il-Pulizija, li jgib in-numru 9/T/1760/2007. Kienu wkoll talbu lid-Direttur tal-Protezzjoni Civili, s-Sur Peter Cordina, ghar-rapport dwar il-hruq.

Kompla jghid li din ma kienitx l-ewwel darba li saritlu hsara fid-dwieli minhabba l-murtali li jittellghu mill-ghalqa ta' biswitu, u ghalkemm dik id-darba kien talab kumpens mill-Kazin tal-Banda dawn ma kienux hallsuh. Spjega li fil-Mosta hemm zewg kazini tal-banda, wiehed jissejjah ***"ta' Santa Marija"***, u l-iehor ***"15 t'Awissu"***.

Spjega wkoll li filwaqt li s-soltu tal-"15 t'Awissu", jitolbuh il-permess qabel ma jghaddu mill-ghalqa tieghu, tal-Kazin "ta' Santa Marija", qatt ma jaghmlu hekk, pero' din id-darba hadd minnhom ma kellmu. Zied li n-nar tal-festa kien inghata mill-ghalqa ta' ma' genbu fid-9 t'Awissu, 2007 u li hu kien mar l-ghalqa fil-15 ta' Awissu u sab id-dwieli mahruqin. Kompla jispjega li biex in-nar seta' jinghata minn fejn effettivament inghata suppost li jkun inhareg permess mill-pulizija, izda f'dan il-kaz ma kienx gara hekk. Qal ukoll li r-rapprezentant tal-Kazin tal-Banda qed jghid

illi l-ghalqa qabdet meta harqu n-nar tal-kazin l-iehor, izda nsista li Louis Chetcuti kien ammetta mieghu u ma' ibnu li l-ghalqa kienet qabdet fid-disgha (9) t'Awissu 2007, u cioe' dakinhar li taw in-nar tal-Kazin tal-Banda Santa Marija.

Sussegwenti ghar-rapport li sar ghand il-pulizija, l-attur qal li saret stima tad-danni minn espert tal-ortikoltura u vitikoltura. Oltre d-danni li sofra bil-hruq, qal ukoll li l-ghalqa garrbet hsarat meta tal-kazin ghaddew bit-trakkijiet minn gol-ghalqa minghajr il-permess tieghu jew ta' ibnu, u issa se jkollhom jergghu jahartuha peress li 'nqarset'.

Fil-hdax (11) ta' Frar 2010 giet prezentata risposta ulterjuri tal-Perit Chris Grech, Eric Frendo u Raymond Bonavia fil-kapacita' taghhom rispettiva ta' President, Segretarju u Tezorier tal-Kazin tal-Banda ta' Santa Marija moghnija bir-rapprezentanza gudizzjarja tal-istess, fejn eccepew:

*"Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sollevati in precedenza mill-esponenti, t-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.*
*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*
*Bl-ispejjez."*

Rat is-sentenza preliminari taghha moghtija nhar l-24 ta' Mejju, 2010 fejn l-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni stante li din giet interotta ai termini tal-Artikolu 2129 tal-Kodici Civili u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza.

Illi nhar it-30 ta' Settembru, 2010 semghet lil **Patrick Xerri** jixhed u jitkellem fuq xogholu li jikkonsisti billi jdur il-bdiewa u jtihom il-pariri kif ikabbru d-dwieli ta' l-inbid. Ftakar li xi zmien ilu kien cempillu Angelo Mifsud u kien talbu jmur jara l-ghalqa tieghu fiz-Zoqrija, limiti tal-Mosta. Huwa effettivament mar hemm nhar it-28 t'Awwissu tas-sena 2007. Spjega li fl-ghalqa kien hemm tomna u nofs dwieli, imkabbrin mhux b'metodu tradizzjonali Malti u kienu kollha mahruqa. Il-haxix hazin kien ukoll kollu mahruq u kien hemm hafna bicciet tal-bombi tal-porvli tal-

festa. Huwa esebixxa r-rapport tieghu in konnessjoni ma' din l-ispezzjoni fejn inkluda numru ta' ritratti. Dan id-dokument jinsab ezebit bhala dokument AM u AM 1. Ir-ritratti juru l-art mahruqa u d-dwieli mahruqin u mejtin. Huwa sostna li qata' xi zkuk biex jiccekja jekk kienux ghadhom hodor minn gewwa, pero' rrizultaw li kienu mejta. Fir-ritratti jidhru wkoll certu affarijiet tal-festa u tal-bombi. Huwa kkalkula id-danni li sofra l-attur Angelo Mifsud fl-ammont ta' elfejn, mitejn u erbgha w ghoxrin Lira Maltin u tmienja w tmenin centezmu (Lm2,224.88). Ix-xhud Patrick Xerri kkonferma r-rapport tieghu waqt ix-xhieda.

Patrick Xerri kkonferma li fl-ghalqa ma setghux jigu kkoltivati dwieli ghal perjodu ta' seba' (7) snin, ghalkemm setghet issir koltivazzjoni ohra. Huwa qal li generalment ikun hemm qamh pero' dan ghandu prezz insinjifikanti. Qal ukoll li l-attur xtaq li jerga' jrabbi d-dwieli.

Rat li nhar is-26 ta' Ottubru, 2010 xehed **Natalino Bezzina** fejn qal li hu mpjegat fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili, ta' Kandja. Dan id-dipartiment kien ircieva zewg korrespondenzi minghand l-avukat Dr. Damian Schembri fl-interess ta' l-attur. Ix-xhud esebixxa kopji ta' zewg ittri li d-dipartiment baghat lil dan l-avukat li gew immarkati bhala dokument Z u Z 1. Esebixxa wkoll l-ittri li baghatilhom Dr. Schembri ghan-nom tal-patrocinat tieghu li gew immarkati bhala dokument Z2 u Z3 rispettivament. Tenna li nhar id-9 t'Awwissu 2007 gew mghajta tlett darbiet bhala *stand by* fuq il-post. Huwa qal li l-*fire engine* kienet diga' qieghda fuq il-post ghax kien hemm il-hruq tal-murtali. Dak in-nhar kien hemm *pockets of fire* fuq l-ghalqa, fejn dawn jintfew immedjatament meta jispicca l-hruq tan-nar. Filghaxija kien hemm ukoll hruq fl-ghalqa tal-attur li kien ikkawzat mill-hruq tan-nar ta' l-art.

Rat li nhar is-16 ta' Novembru, 2010 xehed **Kalcidon Mifsud** li jigi iben l-attur Angelo Mifsud. Huwa qal li ftit qabel il-festa ta' Santa Marija tas-sena 2007, xi nies li jahdmu mal-kamra tan-nar tal-Mosta dahlulhom fl-ghalqa li tinsab iz-Zokrija, limiti tal-Mosta. Huwa qal li huma ghandhom aktar minn ghalqa wahda u dawn l-ghelieqi

jmissu kollha ma’ xulxin. Dawn in-nies dahlu fil-propjeta’ tax-xhud u ta’ missieru bla permess, u ghaffgulhom ir-raba’. Nhar id-9 t’Awissu 2007 qabel il-festa kienu sparaw il-murtali l-Kazin ta’ Santa Marija u waqghu xi porvli mill-murtali fl-ghalqa fejn kien hemm id-dwieli, din qabdet u d-dwieli kollha li kien hemm inharqu. Huwa mar l-ghassa u ghamel rapport dwar dan. Hu mar jaghmel ir-rapport wara li kienet ghaddiet il-festa u l-pulizija wiegbu li kien se jkellimhom.

Ix-xhud sostna li kien hemm gimgha shiha fejn gew sparati murtali imma sar jaf li l-hruq sar fl-ewwel gurnata u ghalhekk mar ikellem lil Kazin tal-Banda ta’ Santa Marija. Huwa qal li fil-programm tal-festa tal-kazin, rrizulta li kienu huma li sparaw dak inhar u fil-fatt tkellem man-nies tal-kumitat li kienu responsabbli.

Kalcidon Mifsud qal ukoll li mar ikellmu certu Louis Chetcuti u x-xhud qallu li kienu dahlu fl-ghalqa tieghu bla permess u spicca kullimkien mahruq. Louis Chetcuti kien wiegbu billi ammetta mill-ewwel li dahlu pero’ beda jgiblu l-iskuzi rigward il-hruq. Ix-xhud rassu sakemm ammetta li kien in-nar taghhom. Wara din il-konversazzjoni, Mifsud qal li Louis Chetcuti ghajjat lil membru iehor, certu wiehed Magri u x-xhud irrepeta dak li qal lil Louis Chetcuti lil Magri ukoll u ghal darb’ohra Chetcuti ammetta li n-nar nqabad b’rizultat tan-nar taghhom. Magri kien qallu li dak in-nhar tal-hruq, Chetcuti kien prezenti fuq il-post waqt in-nar u ghalhekk Magri ma kienx prezenti. Fl-ahhar ftehmu li Kalcidon Mifsud kellu jaghmel stima tad-danni. Hu hadhielhom u d-danni ammontaw ghal hamest elef, mija u tlieta u tmenin punt tmienja u sebghin. Huwa tah kopja ta’ l-istima u gimgha wara kellimhom u wiegbuh li ma kienux iltaqghu. Ix-xhud qal li cemplilhom xi hames darbiet imma baqa’ ma thallasx.

Rat li nhar is-16 ta’ Novembru, 2010 xehed ukoll **PS 455 Emanuel Sammut** fejn qal li fit-28 t’Awissu 2007 ghall-habta ta’ l-ghaxra ta’ filghodu hu kien stazzjonat l-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta u Angelo Mifsud kien mar jirraporta li nhar id-9 t’Awissu 2007 kellu diversi hruq fl-ghelieqi tieghu, maghrufa bhala taz-Zokrija, l-Mosta. Ix-Xhud ma

marx fuq il-post pero’ gabulu ritratti u qalulu li kien hemm xi erba’ mitt *grapevine* li kienu nharqu. Huwa esebixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan ir-rapport, liema okkorrenza giet immarkata bhala dokument PS. Ix-xhud beda’ bl-investigazzjoni tieghu u tkellem ma’ tal-kazin ta’ Santa Marija pero’ meta mar ikellem lir-rapprezentant tal-kumitat, kulhadd beda jfarfarlu.

Mistoqsi mill-Qorti jekk ittiehdux passi kriminali fil-konfront tal-kazin ta’ Santa Marija u hu wiegeb li ma ttiehdux passi. Qal ukoll li l-attur ma xtaqx li jittiehdu passi kriminali, hu kien interessat biss li jigbor flusu. Mistoqsi jekk jafx li hargu xi permessi, ix-xhud wiegeb li dak ikun hemm laqghat mas-supretendent tad-distrett.

Rat li **WPC 141 Louise Camilleri** xehdet nhar is-16 ta’ Marzu 2011 u stqarret li l-permessi li gew mahruga ghal Kazin tal-Banda ta’ Santa Marija kienu f’isem Alfred Magri ghan-nom tal-Kazin Santa Marija u dana sabiex jahraq in-nar fid- 29 ta’ Lulju tas-sena 2007 fis-7.00 p.m. kif ukoll fid-9.00 p.m. Kellu permess iehor biex jahraq fit-13 ta’ Awwissu fit-8.00 a.m., f’12.00.pm. u fid-9.00 p.m.

Kellu permess iehor biex jahraq in-nar fid-9 ta’ Awwissu, 11 ta’ Awwissu, u 12 ta’ Awwissu fit-8.00 a.m., f’12.00p.m u fid-9.00 p.m..

Kellu permess iehor biex jahraq in-nar fl-14 ta’ Awwissu fid-8.45 a.m., f’11.45a.m., fis-6.45 p.m. u fl-9.45 p.m.

Kellu permess iehor sabiex jingarr in-nar u dan rigwardanti l-area fejn jinharaq in-nar, f’Wied il-Hanzira, u kellu permess iehor biex jahraq in-nar, giggifogu, fl-14 ta’ Awwissu fil-11.30 p.m. u dana mill-pjazza tal-Mosta.

Qalet illi Alfred Magri kellu jahraq in-nar minn Wied Hanzira fid-9 ta’ Marzu 2007 u tenniet illi din l-area tinsab fil-wied. Esebiet pjanta *animo ritirandi* li tinsab immarkata bhala dokument “CP". Mistoqsija jekk effettivament Alfred Magri kellux xi insurance tghid wiegbet illi kellu. Esebiet kopja ta’ din il-polza wkoll *animo ritirandi* li giet immarkata bhala dokument “CP1”.

Rat li **Alfred Magri** xehed fis-16 ta’ Marzu 2011 u kkonferma li verament kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jahraq in-nar. Però spjega illi huwa l-licencee biss u ma kienx hu personalment li haraq n-nar. Mistoqsi jekk jafx lil Angelo Mifsud hu wiegeb illi jafu. Alfred Magri qal li kien jokkupa l-kariga ta’ kaxxier tal-kumitat tal-Kazin tal-Banda ta’ Santa Marija.

Mistoqsi jiftakarx jekk f’xi kumitat iddiskutew il-fatt illi nharqet l-ghalqa tas-Sur Mifsud, hu wiegeb illi ma jiftakarx. Hu qal li fil-fatt kellu accident minn dakinhar ‘l hawn u tilef il-memorja. U fil-fatt lanqas ghadu fil-kumitat u lanqas il-permess ma ghad ghandu, kollox telaq minn idejh.

Illi nhar it-22 ta’ Gunju, 2011 xehed **Louis Chetcuti** fejn qal li fl-2007 ma kellu l-ebda kariga fil-Kumitat tal-kazin tal-Banda Santa Maria, pero’ hu membru u dilettant tal-grupp tan-nar. Hu qal li ma jkunx prezenti waqt il-hruq tan-nar. Gie mistoqsi jekk kienx hemm xi ncident fl-2007, hu wiegeb li jista’ jkun li kien hemm xi hruq ta’ ghelieqi. Louis Chetcuti qal li s-Sur Mifsud kien mar il-kazin u Checuti talbu xi informazzjoni peress li kellu xi lment, pero’ ma regax mar wara dakinhar. Fost l-informazzjoni li kien talbu, qal lil Mifsud li jekk kien qieghed iressaq ilment fuq hsara talbu biex igib stima biex jghaddiha lill-Kumitat. Ix-xhud ikkonferma li qatt ma hadlu stima u ma jafx jekk ghaddihiex lill-kumitat jew le. Hu kien talab lill-attur biex igiblu informazzjoni dwar hsarat li kien qed jilmenta minnhom. Ix-xhud sostna li hu mhux responsabbli biex jirrapporta lil grupp tan-nar dwar dak li jaghmel il-Kumitat. Il-grupp tan-nar hu f’isem is-Socjeta’ Filarmonika ta’ Santa Marija. Ix-xhud jiehu hsieb il-korrispondenza tal-Kummissjoni tan-nar. Hu qal li mhux licensee u mhux responsabbli tal-grupp tan-nar. Qal ukoll li hemm tmienja (8) min-nies fil-grupp tan-nar u ma jafx min kien prezenti dakinhar.

Semghet ix-xhieda ta’ **Kalcidon Mifsud** moghtija fis-27 ta’ Settembru 2011 fejn stqarr illi l-ghalqa ma jahdimhiex missieru wahdu u gieli jghinuh hutu ghalkemm kien jahdimha regolari. Huwa qal li l-gheneb kienu jiekluh u dak

li kien jibqa' kienu jaghmluh inbid ghal familja kollha. Qatt ma bieghu lil xi produtturi Maltin. Fil-passat meta kellhom dwieli ohrajn kienu jaghmlu hekk izda mhux minn din l-ghalqa biss. Din l-ghalqa hi ftit aktar minn tomna. Qal ukoll li kienet isservi ghal bzonnijiet tal-familja**.**

Rat ix-xhieda ta' nhar id-9 ta' Novembru, 2011 fejn il-**Perit Noel Gauci** spjega illi huwa membru fil-kumitat tal-kazin tal-banda Santa Marija u jattendi wkoll fil-manifattura tan-nar ta' Santa Marija. Mistoqsi jekk jafx dwar l-ghalqa ta' Angelo Mifsud hu qal li jaf. Huwa kkonferma li kien jippratikka id-delizzju tal-kacca u kien jaf fejn hi din l-istess ghalqa u qal li tlett (3) gimghat qabel ma bdew il-preparamenti tal-festa huma zaru l-akkwati. Hu ilu f'dan il-kazin ta' Santa Marija mis-sena elfejn u erbgha (2004), pero' ilu jaf b'din l-ghalqa inkwistjoni mis-sena elfejn u wiehed (2001) 'l hawn. Din l-ghalqa ra dejjem zdingata, anke fi zmien meta nqala' l-incident. Qatt ma jaf li kien hemm xi zerriegha jew dwieli fiha, apparti li kien ikun hemm il-qamh u dan kien jigi maqtugh ghall-habta ta' Mejju. Ikkonferma li fl-akkwati kien imur qisu minn Settembru sa' Jannar meta kien ikun hemm l-istagun tal-kacca u xi tliet gimghat qabel kull festa jigifieri mill-ahhar ta' Lulju sa' Awwissu. Il-Perit Gauci spjega li f'dawk l-akkwati hemm ghelieqi ohrajn li verament ghandhom id-dwieli.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk jafx kemm ghandu ghelieqi Angelo Mifsud hu wiegeb li ma jafx, pero' jaf liema hi l-ghalqa li nharqet. Huwa kkonferma li s-Sur Mifsud ghandu zewg (2) ghelieqi u minn dejjem kien jarhom zdingati.

Rat ix-xhieda ta' nhar id-9 ta' Novembru 2011 fejn **Justin Aquilina** stqarr li huwa kien membru fi hdan il-kazin tal-banda Santa Marija u jaf li Angelo Mifsud kellu ghalqa ghaliex kienu jarawha qabel ma jaghmlu l-preparamenti tal-festa. Kienu jafu li din l-ghalqa effettivament kienet zdingata. Ix-xhud qal li kienu ilu jiffrekwenta dawn l-akkwati ghal dawn l-ahhar hames (5) snin. Qal ukoll li din l-ghalqa kienet wahda mitluqa u kienet differenti mill-ghelieqi ta' madwarha. Qatt ma ra koltivazzjoni f'dawk iz-zminijiet f'din l-ghalqa. Mistoqsi kemm –il ghalqa ghandu

is-sur Mifsud, huwa wiegeb li ma jafx. Stqarr li jaf li l-attur kellu dwieli fl-ghalqa tieghu, pero’ dawk li jikbru b’mod salvagg ghax kien jarahom mitluqin. Fid-dwieli ma tantx jifhem pero’ jara id-differenza bejn ghalqa kultivata u ohra. Huwa sostna li dawk li huma kkultivati jkunu gholjin u jkunu bl-gheneb fi zmien Awwissu. Ohrajn bhal dawn in kwestjoni ikunu baxxi u ma jkollhomx frott.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tad-29 ta’ Marzu 2012 mill-avukat difensur tal-konvenut u cioe’ li kien qed jirtira t-tieni eccezzjoni tieghu.

Rat illi l-partijiet dakinhar tad-29 ta’ Marzu 2012 kienu awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jaghmlu tajjeb ghad-danni li huwa sofra, liema danni gew kawzati minhabba sparar ta’ murtali f’ghalqa biswit tieghu u li bhala rizultat ta’ dan l-isparar inharqulu id-dwieli.

Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032(1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event dannuz. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili".

Il-kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha billi wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt, meta seta’ jipprevedi dak l-effett. Meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min jaghmel dak l-att hija assoluta. M’hix difiza tajba kontra din ir-responsabilita` l-allegazzjoni illi min ghamel l-att li gieb d-danni kien ilu

jaghmlu zmien twil u qatt ma nqala' xejn, u li ghalhekk min ghamel dak l-att ma setax jissupponi, li fil-kaz partikolari kien ser jinqala' dak li nqala'.

Issa f'dan il-kaz l-attur ipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi nhar id-9 ta' Awwissu 2012 il-kazin konvenut spara xi murtali ghall-festa ta' Santa Marija u dan minn ghalqa biswit l-ghalqa tal-konvenut u bhala rizultat ta' dan kien hemm hruq fl-ghalqa u d-dwieli li kellu inharqu. Illi dwar din l-allegazzjoni l-attur nhar it-13 ta' Lulju 2012 ipprezenta l-programm tal-festa ta' Santa Marija ghas-sena 2007 u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li dakinhar tad-9 ta' Awwissu 2007 il-kazin konvenut haraq il-murtali u kaxxa infernali mill-Ghaqda Piroteknika Santa Marija. Dan il-fatt huwa wkoll konfermat mix-xhieda ta' Alfred Magri, il-kaxxier tal-kazin, meta qal li vera l-kazin konvenut spara l-murtali izda mhux minnu.

Illi skond ix-xhieda ta' WPC 141 Louise Camilleri, il-Kummissarju tal-Pulizija kien ta l-permess tieghu sabiex ikun hemm dan l-isparar ta' murtali.

L-attur ressaq bhala xhud lil Natalino Bezzina li jahdem fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civil u kkonferma li dakinhar tad-9 ta' Awwissu 2007 huma kienu gew mghajta tliet (3) darbiet sabiex ikunu *stand by* fuq il-post minhabba l-possibilita' ta' hruq. In fatti jghid li l-*fire engine* diga' kienet fuq il-post minhabba l-hruq ta' murtali. Ikkonferma li kien hemm *pockets of fire* fl-ghalqa tal-attur ghalkemm dawn intfew appena spicca il-hruq tan-nar. Bla tlaqliq jghid li dakinhar kien hemm hruq fl-ghalqa ta' l-attur bhala rizultat mill-hruq tal-murtali. L-attur esebixxa wkoll numru ta' ritratti li juru l-ghalqa tieghu mahruqa.

Il-konvenut minn naha l-ohra, dwar ir-responsabbilta' tad-danni jghid li ma kienx responsabbli u li effettivament l-ghalqa ta' l-attur kienet sdingata u li mhux minnu li ghalhekk sofra xi danni. L-attur dwar dan jghid li fl-ghalqa kellu numru ta' dwieli u dan gie konfermat minn Patrick Xerri li huwa *specialist* fil-horticulture u viticulture u jghid li huwa zar l-ghalqa in kwistjoni u kkonferma li verament kien hemm ghalqa mahruqa u li fuq il-post kien hemm

sinjali ta’ dwieli li effettivament kienu lkoll mejta. Qal li l-flora ta’ madwar kienet kollha mahruqa u li kien hemm hafna murtali madwar id-dwieli. Huwa jghid li kien hemm madwar erbgha mija w ghoxrin (420) dwieli tal-varjeta’ Girgentina li kienu imhawla f’sistema ta’ alberello u bhala stima jghid li dawn jiswew elf, sebgha mija u wiehed Liri Maltin (Lm1,701). Jghid ukoll li jehtieg spiza sabiex dawn id-dwieli jigu maqlugha u mormija u qal li l-ispiza hi circa ghaxar centesmi Maltin (Lm0.10c) ghal kull sigra, total ta’ tnejn u erbghin Lira Maltin (Lm42). Jghid li hemm spiza ohra sabiex issir il-*grafting* mill-gdid u dan bil-prezz ta’ lira maltija (LM1.00) ghal kull dielja oltre l-ispiza sabiex jergghu jinzeraw id-dwieli godda (total ta’ Lm420) u l-preparazzjoni tal-hamrija sabiex jerghu jinzerghu tiswa hames Liri Maltin ghal kull tomna (Lm5).Qal li ikun hemm hamsin (50) dielja fis-siegha li tigi mizrughha ghal valur ta’ zewg Liri Maltin (Lm2.00) fis-siegha, total ta’ sittax –il Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm16.80). Ghalhekk l-attur qal li sofra danni fl-ammont ta’ elfejn u mija u erba’ u tmenin Lira Maltin u tmenin centezmu (LM2,184.80) oltre erbghin Lira Maltin (LM40) li huwa hallas ghar-rapport ta’ Patrick Xerri. Ghalhekk b’kollox l-ammont tela’ ghal elfejn u mitejn u erbgha w ghoxrin Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,224.80).

Illi l-konvenut ittenta ixeblek dan ir-rapport u jghid li l-ghalqa kienet zdingata pero’ fil-fehma tal-Qorti il-provi imressqa minnu m’humiex daqstant b’sahhithom. Meta Alfred Magri gie mistoqsi jekk hux minnu li kien qal li jiddispjacih ghall-incident huwa jghid li kellu incident u ma jiftakar xejn. Louis Chetcuti jghid li verament kien iltaqa’ ma’ l-attur izda kien talbu sabiex igiblu stima tal-hsara li kien qed jillamenta izda jghid li dan qatt ma hadhielu. Justin Aquilina jghid li kien jara dwieli fl-ghalqa ta’ l-attur pero’ kienu dwieli salvagg. Fl-istess nifs pero’ jghid li fid-dwieli ma jifhimx. Qal biss li dawk li jkunu koltivati ikunu gholjin bl-gheneb fi zmien ta’ Awwissu waqt li dawk tal-attur kienu baxxi. B’hekk ikkonferma li dwieli kien hemm kuntrarjament ghal dak li qal il-Perit Noel Gauci li huwa membru tal-Kumitat tal-kazin konvenut. Illi ghalhekk din ix-xhieda issahhah dak li effettivament qal l-espert Patrick Xerri li jghid li fuq il-post kien hemm numru ta’ dwieli.

Naturalment jekk dawn id-dwieli kienux slavag jew le, hu ghal dan l-espert sabiex jikkonkludi dan, liema xhieda ma gietx kontesta u ghalhekk huwa minnu dak li allega l-attur li huwa sofra danni fl-ghelieqi tieghu.

L-avukat difensur tal-konvenut sostna fit-trattazzjoni tieghu li l-attur ma setax jitlob *lucrum cessans* u cioe' ghan-nuqqas ta' uzu tal-ghalqa u ta' prodott ghaliex l-ghalqa setghet tintuza ghal xi raguni ohra. Minn ezami tar-rikors promotur ma jirrizultax li tali talba saret minnu u li huwa illimita lilu innifsu ghad-*damnum emergens.*

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet '**<u>Buttigieg Marco et vs Cini Rose</u>'**, deciza 17 ta' Novembru 2004 mill-Qorti ta' l-Appelli Inferjuri fejn inghad li:

*"Min igarrab il-hsara b' konsegwenza tan-negligenza ta' haddiehor ma jistax, u ma ghandux, jitghabba bi tnaqqis ta' rizarciment jekk fil-fatt ikun gie determinat u provat, minghajr ebda kontestazzjoni, li tali danni jkunu fil-fatt tbatew u l-ispiza ghalihom effettivament inkorsa. Dan anke jekk jirrizulta li l-ispiza tkun tissupera l-ammont stabbilit mis-surveyor. Tibqa' dejjem, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, regola sana illi f' materja ta' rizarciment ta' danni, id-danneggjat ghandu jkollu d-dritt jikkonsegwixxi rizarciment effettiv li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz. Dan dejjem, s' intendi, ma jigix xort' ohra pruvat illi d-diskrepanza, bejn l-istima u l-hlas rapprezentat mir-ricevuta, ma tkunx wahda kapriccjuza jew, aghar, l-effett ta' agir doluz biss."*

**Ghalhekk, il-Qorti tikkonkludi billi tiddikjara l-kazin konvenut responsabbli ghall-hruq li sar fl-ghalqa ta' l-attur nhar id-9 ta' Awwissu 2007 u konsegwentement responsabbli ghad-danni li sofra u tikkundanna li l-kazin konvenut ihallas lill-attur dik is-somma likwidata aktar 'l fuq fl-ammont ta' elfejn, mitejn u erbgha w ghoxrin Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2,224.80) ekwivalenti ghal hamest elef, mija, tnejn u tmenin Ewro u disgha u tletin Ewro centezmu (€5,182.39).**

**Bl-ispejjez skond kif mitlub fir-rikors promotur pero' l-imghax jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u mhux mid-data ta' l-incident.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------